**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 267/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Nigel Dingli**
**(ID 151394(M))**

**Illum, 30 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Nigel Dingli** ta' 19-il sena, iben Innocent u Natalina nee` Psaila, imwieled il-Pieta` nhar it-22 ta' Frar 1994, residenti 26, Flat 7, Triq il-Harriġiet, Imqabba u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 151394(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Jannar 2014 u fis-sentejn ta' qabel din id-data:

a) Ittenta jimmanifattura, jitraffika, ibiegħ, iqassam jew joffri li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Jannar 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

b) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizżazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċina, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

c) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. E. Grima LL.D. nhar il-21 ta' Jannar 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

e) Ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation*, mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar id-29 ta' Lulju 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[1]

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li kienet qed tirtira l-imputazzjoni (b) miġjuba kontra l-imputat[2];

Semgħet trattazzjoni finali tal-partijiet.

---

[1] Ara a fol. 4 u 5 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 105 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-**Ispettur** (illum Supretendent) **Malcolm Bondin** jixhed illi nhar l-24 ta' Jannar 2014, huwa ġie infurmat minn ċertu **John Bartolo**, għalliem ġewwa l-MCAST, fejn dak iż-żmien kien jattendi l-imputat odjern, illi waqt li kienu qed isiru xi tfittxijiet fl-istess skola, fil-basket tal-imputat kienu sabu xi oġġetti relatati mal-użu tad-droga, fosthom miżien, pipa u *sachet* bit-traċċi suspettati tal-*cannabis*. Kollox ġie mgħoddi lill-Ispettur Bondin, iżda sa dak il-ħin, l-imputat kien laħaq telaq mill-iskola. Għalhekk huwa beda jfittex lill-istess imputat. Ftit tal-jiem wara, ossia fit-30 ta' Jannar 2014, huwa ġie nfurmat mill-**Ispettur Kevin Pulis** illi omm Nigel Dingli marret tagħmel rapport ġewwa l-Għassa taż-Żurrieq fis-sens illi kienet sabet diversi oġġetti relatati mal-użu tad-droga, fil-kamra ta' binha. Sussegwentement l-Ispettur Pulis ħa lill-imputat u lill-ġenituri tiegħu ġewwa l-uffiċċju tal-Ispettur Bondin u kienu tkellmu, dawn għaddewlu diversi oġġetti u beda l-istħarriġ fil-konfront tal-imputat. L-Ispettur Bondin jixhed ukoll illi apparti l-oġġetti li nstabu fl-iskola fil-pussess tal-imputat, mal-affarijiet li ħadet omm l-istess imputat lill-Pulizija u li kienu nstabu fil-kamra tiegħu, instabet riċetta sabiex tiġi magħmula d-droga *speed*, liema riċetta ġiet esebita in atti bħala Dok. MB[3]. Skont l-istess Spettur, minn riċerka li huwa għamel fuq l-*internet,* irriżultalu illi s-sustanzi u l-oġġetti msemmija fl-istess dokument, kienu tali li bihom wieħed seta' jagħmel l-imsemmija droga. Ma' dan id-dokument, kien hemm ukoll xi notamenti bil-prezzijiet u anke numri tat-telefon.[4]

L-oġġetti li allegatament instabu fil-kamra tal-imputat u li ġew mgħoddija lill-Pulizija mingħand ommu ġew esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur f'*evidence bag* L00289430 konsistenti f'diversi oġġetti li jinsabu wkoll indikati fil-lista Dok. MB (Dok. MB 1). L-Uffiċjal Prosekutur esebixxa wkoll miżien diġitali f'*evidence bag* M001105077, li nstab fil-pussess tal-imputat (Dok. MB 2) u *evidence bag* bin-numru M00113120 li tikkontjeni l-oġġetti li kienu nstabu fil-pussess tal-imputat ġewwa l-iskola minn John Bartolo (Dok. MB 3)[5]. L-Uffiċjal Prosekutur jixhed illi fid-dawl tal-oġġetti li kien ra hu u li għamel il-verifiki tiegħu dwarhom, u r-riċetta li kienet fil-pussess tal-imputat, huwa wasal għall-konklużjoni illi l-imputat kien ser jipprova jimmanifattura l-i*speed.*

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-30 ta' Jannar 2014 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah. F'din l-istqarrija, l-imputat għażel li ma jwieġeb għall-ebda domanda li saritlu.[6]

---

[3] Dan id-dokument jinsab esebit a fol. 15 u 15A tal-proċess.
[4] Ara a fol. 16 tal-proċess, kif ukoll a fol. 17 u 18 tal-proċess.
[5] L-Ispettur Malcolm Bondin esebixxa wkoll l-irċevuta li huwa għadda lil Bartolo meta dan tah l-affarijiet li nstabu fil-pussess tal-imputat.
[6] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 19 sa 21 tal-proċess.

L-Ispettur Bondin jixhed ukoll illi waqt l-investigazzjoni, wara li l-imputat kien ingħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jottjeni parir legali, l-istess imputat qallu illi qatt ma rnexxielu jagħmel dawn il-pilloli *speed,* imma illi kien qed jipprepara l-affarijiet sabiex jipprova jagħmilhom u illi għal dan il-għan kien xtara l-affarijiet li kellu bżonn mingħand *Levo Labs* ġewwa l-Imrieħel. Meta l-Ispettur Bondin għamel il-verifiċi tiegħu hawnhekk madankollu, dawn qalulu illi ma kinux iżommu rekord tal-klijenti f'każ ta' xiri fi kwantitajiet żgħar, u illi kien normali li jbiegħu l-oġġetti in kwistjoni lill-istudenti tal-bijoloġija u tal-kimika. L-imputat qallu wkoll illi r-riċetta in kwistjoni kien sabha fuq l-*internet.* Kien għalhekk illi l-imputat ġie akkużat bit-tentattiv fil-każ tal-ewwel imputazzjoni. L-Uffiċjal Prosekutur jixhed ukoll illi in kwantu l-imputazzjonijiet l-oħrajn, dawn ġew addebitati lill-imputat fid-dawl ta' dak li nstab fil-pussess tiegħu.[7]

**John Bartolo**, direttur tal-Amministrazzjoni u *Support* għall-istudenti ġewwa l-MCAST, jixhed illi kien hemm suspett li l-imputat seta' kien qed ikollu xi sustanzi fil-pussess tiegħu. Nhar l-24 ta' Jannar 2014, bagħat għalih id-direttur, Dr. Alex Rizzo, u dawn iddeċidew li jibagħtu għall-imputat fl-uffiċju tal-istess direttur. Hemmhekk talbuh sabiex ibattal il-basket tal-iskola, f'liema basket huwa kellu xi oġġetti relatati mad-droga, inkluż droga, miżien diġitali iswed, *pipe* kulur il-fidda, xi pilloli bojod, pakketti żgħar u *toilet roll.* Ix-xhud jgħid illi dawn inġabru f'*envelope* u ngħataw lill-Iskwadra kontra d-Droga. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien l-imputat kien student ġewwa l-MCAST.[8]

**L-Ispettur Kevin Pulis** jixhed illi fit-30 ta' Jannar 2014, huwa kien stazzjonat ġewwa l-Għassa taż-Żurrieq, fejn ġie mitkellem minn ċerta Natalina Dingli, omm l-imputat odjern. Jgħid illi kienu marru ġewwa l-għassa l-istess Natalina flimkien ma' missier l-imputat u magħhom ħadu diversi oġġetti relatati mal-użu tad-droga, inkluż xi dokumenti. Huwa dehrlu li kellu jirrikorri għall-Iskwadra kontra d-Droga u għalhekk l-għada, 30 ta' Jannar 2014, huwa mar fl-uffiċju tal-Ispettur Malcolm Bondin ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, wara li kien żamm lill-imputat arrestat. Hemmhekk l-imputat ġie investigat mill-Ispettur Bondin, fil-preżenza tiegħu. L-imputat ingħata d-drittijiet tiegħu, inkluż illi jottjeni parir legali kif fil-fatt għamel u ammetta magħhom li l-intenzjoni tiegħu kienet li jipprova jimmanifattura l-i*speed.* Għalkemm kien ipprova jagħmel dan xi sena qabel, ma kienx irnexxielu. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, madankollu, l-imputat għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu. Ix-xhud għaraf ukoll id-dokumenti esebiti a fol. 15 sa 18 tal-proċess bħala dawk li huwa għamel referenza għalihom fix-xhieda tiegħu.[9]

[7] Ara x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, a fol. 8 sa 14 tal-proċess.
[8] A fol. 26 sa 28 tal-proċess.
[9] A fol. 38 sa 41 tal-proċess.

Matul il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni talbet illi jinħatar espert sabiex fl-ewwel lok janalizza s-sustanza esebita u formanti parti minn Dok. MB 3 u fit-tieni lok, sabiex wara li jieħu konjizzjoni ta' Dok. MB, huwa jagħmel riċerka sabiex jivverifika jekk din l-allegata riċetta hijiex idonea sabiex tkun tista' ssir is-sustanza *metamphetamine* jew *speed*, kif ukoll sabiex jeżamina s-sustanzi esebiti bħala Dok. MB 1 u jekk dawn is-sustanzi humiex fil-fatt l-ingredjenti neċessarji sabiex ssir din is-sustanza. Għal dan il-għan, b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2015, il-Qorti ħatret lix-**Xjenzat Godwin Sammut**.[10]

Mir-relazzjoni tal-istess espert, jirriżulta illi huwa ngħata basket ta' lewn blu u *envelope* issiġillat immarkat S/B/508/215 li kien fih is-segwenti:

i. *Evidence bag* bin-numru M00113120 li fih: (1) *envelope* ta' lewn kannella li fih (i) pipa tal-metall; (ii) pakkett ta' lewn aħdar ta' *Rizla cigarette papers*; (iii) erba' boroż tal-plastik trasparenti li fihom traċċi ta' ħaxix kannella; (iv) żewġ boroż tal-plastik trasparenti li fihom traċċi ta' trab ta' lewn abjad; (v) *lighter*; (vi) pakkett *chewing gum*; (vii) boroż tal-plastik vojta; (2) *envelope* ieħor li fih miżien. Dan id-dokument ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 006_19_01.

ii. *Evidence bag* bin-numru L00289430 immarkat Dok. MB 1 li fih: (i) *tape* ta' lewn kannella; (ii) bott tal-plastik ta' lewn abjad bil-kliem *Sodium Hydroxide Levo Laboratory Services Ltd.* li fih xi kristalli ta' lewn bojod; (iii) *pocket* tad-drapp; (iv) lembut ta' lewn isfar; (v) *towel* ta' lewn aħmar; (vi) erba' fliexken żgħar tal-plastik bil-kliem *Mint*; (vii) kontenitur tal-plastik vojt; (viii) flixkun tal-plastik bil-kliem *DI water Levo Laboratory Services Ltd.* li fih xi likwidu; (ix) flixkun tal-plastik bil-kliem *Sulfuric acid Levo Laboratory Services Ltd* li fih xi likwidu; (x) flixkun tal-plastik bil-kliem *Xylene Levo Laboratory Services Ltd* li fih xi likwidu; (xi) landa żgħira tal-metall bil-kliem *Zippo Lighter Fluid*; (xii) *pipe* tal-plastik trasparenti; (xiii) tliet tappijiet ta' fliexken; (xiv) imqass żgħir; (xv) biċċa *aluminium foil*; (xvi) *evidence bag* ieħor bin-numru M00105074 li fih: pakkett vojt bil-kliem *Clarinase 120/5 repetabs*; *envelope* kannella li fih pakketti ta' *Catafast*; żewġ boroż tal-plastik trasparenti li fihom kristalli ta' lewn abjad; borża tal-plastik li fiha trab ta' lewn kannella; borża żgħira li fiha seba' pilloli ta' lewn kannella ċar; *cold pack* miftuħ; *blister packet* bil-kliem *Setinin* li fih żewġ pilloli ta' lewn bojod u tliet *envelopes* ta' lewn kannella li wieħed kellu l-kliem *2-amino-1-(4-bromo-2 5-dimethoxyphenyl)ethenone (bk-2CB)*, ieħor bil-kliem *N-allyl-N-[2-(5-methoxy-1H-indol-3-*

[10] Ara a fol. 7 tal-proċess.

*yl)ethyl]prop-2-en-1- amine (5-MeO-DALT)* u ieħor 5F-AKB-48. Dan id-dokument ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 006_19_02.

L-istess espert ikkonkluda hekk dwar dawn id-dokumenti u l-inkarigu lilu mogħti:

"(a) Illi rigward l-ewwel punt, l-esponent ix-xjenzat Godwin Sammut jista' jikkonkludi:

- Li fuq estratti meħuda mis-sustanzi eżebiti f'DOK MB2[11] ma nstabux sustanzi illeċiti fil-pipa u fuq *swab* meħuda mill-borża li kien fiha traċċi ta' ħaxix ta' lewn kannella.

- Madankollu, fuq *swab* meħuda mill-borża li kien fiha traċċi ta' trab ta' lewn abjad instabet is-sustanza <u>bk-2CB</u> li hija tip ta' *New Psychoactive Substance* li mhix ikkontrollata bil-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi rigward it-tieni punt l-esponent ix-xjenzat Godwin Sammut jista' jikkonkludi:

i. Li wara li saru r-riċerki neċessarji fuq ir-riċetta li hemm fid-dokument DOK MB, dawn l-istess riċerki (imsemmija hawn fid-dettal)[12] jivverifikaw li ir-riċetta hija fil-fatt konsistenti ma' riċetta li tintuża għall-manifattura tal-*methamphetamine.* Dan minħabba li (1) instabet riċetta simili ħafna fuq l-*URL* li tintuża għall-manifattura tal-*methamphetamine* u (2) l-kimika u l-*paraphernelia* li huma elenkati fir-riċetta huma konsistenti ma' kimika u *paraphernalia* li jintużaw fil-manifattura tal-*methamphetamine*.

ii. Minbarra li l-kimika u l-*paraphernelia* li huma elenkati fir-riċetta huma konsistenti ma' kimika u *paraphernelia* li jintużaw fil-manifattura tal-*methamphetamine*, dawn l-istess kimika u *paraphernalia* nstabu fid-dokument DOK MB1.

iii. Illi fid-dokument DOK MB1 instabu ukoll:

- 7 pilloli li fihom is-sustanza <u>bk-2CB</u> li hija tip ta' *New Psychoactive Substance* li mhix ikkontrollata bil-Liġijiet ta' Malta.

- 43.07 grammi trab ta' lewn abjad li fuq estratt meħud minnu nstabet is-sustanza <u>5F-AKB-48</u> li hija tip ta' <u>synthetic cannabinoid</u>. Minkejja li

---

[11] Mir-relazzjoni huwa evidenti illi l-espert hawnhekk irrefera għal Dok. MB2 erronjament u illi fil-fatt ried u kien qed jirreferi għal Dok. MB3, kif jirriżulta minn paġna 4 tar-relazzjoni tiegħu (a fol. 55 tal-proċess).
[12] Ara r-relazzjoni tal-espert a fol. 56 sa 62 tal-proċess.

din is-sustanza hija llum ikkontrollata, fiż-żmien li seħħ l-każ, din is-sustanza ma kienitx ikkontrollata.

(c) Finalment, wieħed għandu jinnota li:

i. Il-kimika kienu immarkati bil-*label Levo Laboratory Services Ltd.* Dan huwa wieħed minn *suppliers* ta' kimiċi u apparat tal-laboratorju.

ii. Is-sustanzi bk-2CB u 5F-AKB-48 huma perikolużi minħabba li huma *new psychoactive substances* u l-effett tagħhom mhumiex magħrufa.

iii. Il-manifattura tal-*methamphetamine* huwa perikoluż immens mhux biss għall-persuna jew persuni li qed tagħmel dan iżda ukoll għal xi ġirien. Dan minħabba li l-kimika li tintuża għall-manifattura tal-*methamphetamine* jistaw jikkawżaw splużjoni. Apparti li jistaw jikkawżaw splużjoni, l-aċidu jista' jikkawża *acid burns* f'każ ta' *spillage.*"[13]

**Innocent Dingli** u **Nathalie Dingli**, il-ġenituri tal-imputat għażlu li ma jixhdux fil-konfront ta' binhom f'dawn il-proċeduri.[14]

Da parti tagħha, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021, id-difiża tellgħet bħala xhud lill-**Uffiċjal tal-*Probation* Marilyn Formosa**, li tixhed dwar kif hija kienet qed issegwi lill-imputat fuq tliet Ordnijiet ta' *Probation*, maħruġa lkoll fl-14 ta' Mejju 2019 għall-perjodu ta' sentejn.[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fis-seduta tas-26 ta' Frar 2020, id-difiża talbet illi l-Qorti tiskarta x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin u tal-Ispettur Kevin Pulis in kwantu dawn jirreferu għal dikarazzjonijiet li għamel l-imputat matul l-investigazzjoni in konnessjoni mal-każ odjern.[16] Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti. Fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża speċifikat illi din it-talba kienet qegħda ssir stante illi l-imputat ma kellux u ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-investigazzjoni tiegħu.

Jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin u tal-Ispettur Kevin Pulis, illi minkejja li l-imputat għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-30 ta' Jannar 2014, huwa wieġeb għal diversi domandi matul l-investigazzjoni. L-Ispettur Bondin u l-Ispettur Pulis xehdu dwar ir-

[13] Ara din ir-relazzjoni, a fol. 51 sa 81 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 82 sa 85 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 101 sa 104 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 96 tal-proċess.

risposti tal-imputat għal dawn id-domandi. Jirriżulta wkoll illi minkejja li qabel wieġeb għall-istess domandi huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, biss l-imputat ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu u dan stante li l-liġi kif viġenti fiż-żmien tal-każ ma kinitx tipprospetta dan id-dritt għall-persuni suspettati jew arrestati, kif kien l-imputat, liema dritt daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Dwar dan il-punt, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija ampja, iżda l-Qorti tirreferi għas-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022) u fid-dawl ta' dawn is-sentenzi, qed tqis ir-risposti tal-imputat għad-domandi li sarulu waqt l-investigazzjoni, bħala nieqsa minn valur probatorju. Fil-każ odjern il-Qorti tqis illi bit-tweġibiet tiegħu, li dwarhom xehdu l-Ispetturi Bondin u Pulis, l-istess imputat għamel dikjarazzjonijiet li kienu ta' preġudizzju għalih u inkriminanti, u dan b'mod partikolari fejn jirriżulta illi xi sena qabel, huwa ma kienx wettaq biss atti preparatorji sabiex jimmanifattura d-droga, iżda kien anke għamel atti li jmorru oltre u ma rnexxielux. Għalhekk il-Qorti jidhrilha illi għandha tiskarta t-tweġibiet tal-istess imputat kif rapportati fix-xhieda tal-Ispettur Bondin u Pulis, mingħajr huwa ma ngħata l-jedd għall-assistenza legali, u dan sabiex ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-istess imputat.

Sorvolat dan il-punt, il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-waqt illi tirriżulta prova sodisfaċenti illi l-imputat instab fil-pussess tal-oġġetti li ġew esebiti bħala Dok. MB 3 waqt li kien ġewwa l-iskola MCAST, mhux l-istess jista' jingħad dwar l-oġġetti esebiti bħala Dok. MB 1, ossia dawk li ngħataw lill-Pulizija mill-ġenituri tal-istess imputat bħala l-oġġetti li kienu fil-pussess tiegħu. Dwar dan il-Qorti tqis illi l-ġenituri tal-imputat baqgħu ma xehdux f'dawn il-proċeduri, wara li ddikjaraw li ma xtaqux jixhdu fil-konfront ta' binhom u wara li l-Qorti għalhekk applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 633(2) tal-Kodiċi Kriminali, li jfisser illi dak li l-Ispettur Bondin u Pulis xehdu dwar id-diskors li ngħad lilhom mingħand l-istess ġenituri tal-imputat, u b'mod partikolari illi l-oġġetti li huma għaddew lill-Pulizija kienu fil-pussess tal-istess imputat, baqa' ma ġiex konfermat minnhom f'dawn il-proċeduri.

L-artikoli tal-liġi relevanti dwar xhieda fuq kliem ħaddieħor huma l-Artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif reżi applikabbli għall-Kodiċi

Kriminali bl-Artikolu 645 tal-istess Kodiċi. L-Artikolu 598 tal-Kap. 12 jgħid hekk:

> (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.
>
> (2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

L-Artikolu 599 tal-istess Kap. 12, imbagħad, jgħid hekk:

> Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Ottubru 2011, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**:

> "Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:
>
> "'*Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.*'

…

"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja[17]). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

"'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."

Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess <u>ismijiet</u> <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**</u>, imbagħad, il-Qorti Kriminali qalet hekk:

"18. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. ….."

[17] Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja**</u> tas-26 ta' Mejju 2005 ingħad hekk: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

Tenut kont tal-prinċipji suesposti, il-Qorti tqis illi in kwantu dirett sabiex jagħmel prova tal-kontenut tiegħu, il-kliem li qalu l-ġenituri tal-imputat lill-Ispetturi Bondin u Pulis, kif rappurtat mill-istess Spetturi, dwar il-pussess tal-oġġetti li huma għaddew lill-istess Pulizija, jikkostitwixxi *hearsay evidence* u għalhekk huwa inammissibbli bħala prova tal-veraċita` tiegħu. Dan ifisser ukoll illi ma tirriżultax il-prova illi l-oġġetti formanti parti minn Dok. MB 1, u d-dokument Dok. MB, kienu fil-fatt fil-pussess tal-istess imputat.

Hawnhekk irid jingħad ukoll għal kull buon fini, illi anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, kienet tirriżulta l-prova illi l-oġġetti Dok. MB u Dok. MB 1 instabu fil-pussess tal-imputat, in kwantu l-imputazzjoni (a) li tikkontempla t-tentattiv tal-manifattura ta' mediċina psikotropika u ristretta, la darba skartati d-dikjarazzjonijiet tal-imputat waqt l-investigazzjoni għar-raġunijiet fuq indikati, mill-provi rimanenti fl-atti u b'mod partikolari mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta biss illi f'dak l-istadju kienu twettqu atti preparatorji bil-għan li tiġi manifatturata d-droga *metamphetamine*. L-Artikolu 41(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -
>
> (a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;
>
> (b) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba li l-ħati jkun waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt, il-piena għall-atti li jkun laħaq għamel, jekk dawk l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skont il-liġi.

Illi fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Frar 2010, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Abdelsalam M. N. Hassin</u>**, din il-Qorti kif diversement preseduta, qalet hekk dwar it-tentattiv:

> Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':
>
> 1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
> 2. Bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt.
> 3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.
> 4. In-nuqqas ta' esekuzzjoni tad-delitt minhabba li l-hati ikun waqaf minn rajh.
>
> Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta' l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi

irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. [sottolinear ta' din il-Qorti]

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

**"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."**[18]

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta' l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

**"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."**[19]

[18] *Lectures in Criminal Law (First Year)*, Professor Sir Anthony J. Mamo, paġna 109.
[19] *Ibid.*, paġna 112.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura deciza fl-10 ta' Gunju 2002 jinghad:

"Fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghal bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. … Fil-fatt, pero', il-Qrati taghna, qatt ma intrabtu ma' xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta' il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrizultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm tentattiv milli billi jintrabat ma' xi teorija partikolari. Din il-linja ta' pratticita' giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:

***'Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l'insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecuttivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e' messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio delle'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e' "propria" di ciascun delitto della relattiva fattispecie e, quindi cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'inizio e pone in essere l'atto esecutivo.'***

Il-Qorti tqis illi fil-każ odjern, il-provi proċesswali juru biss atti preparatorji ossia riċetta li permezz tagħha setgħet issir id-droga metamfetamina u l-akkwist ta' oġġetti ntiżi sabiex issir din id-droga, skont l-istess riċetta. M'hemmx prova li turi l-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt u għalhekk ma jistax jingħad illi jiffigura t-tentattiv tar-reat kif ikkontemplat fl-imputazzjoni (a).

Illi permezz tal-<u>imputazzjoni (ċ)</u>, imbagħad, l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reat tal-pussess tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward, mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, madankollu, ma jirriżultax illi fost l-oġġetti li nstabu fil-basket tal-imputat ġewwa l-MCAST u li ġew esebiti f'dawn il-proċeduri bħala Dok. MB 3, instabet il-pjanta *cannabis*. Del resto, lanqas fid-dokument Dok. MB 1, ma nstabet din id-droga. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

Permezz tal-<u>imputazzjonijiet (d) u (e)</u>, imbagħad, l-imputat ġie akkużat ukoll talli kkommetta reat waqt li kien taħt żewġ Ordnijiet ta' *Probation*. Madankollu, la darba ma nstabet l-ebda reita` fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ),

u la darba l-imputazzjoni (b) ġiet irtirata, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta’ dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Nigel Dingli** mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a), (ċ), (d) u (e) miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom.

In oltre qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (b), stante li din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni

Għaldaqstant m’hijiex qegħda tikkundanna lill-istess imputat sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti u s-sustanzi Dok. MB, Dok. MB 1, Dok. MB 2 u Dok. MB 3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat